# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 2938/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Aften Schembri, Paul Bugeja, Rosmark Caruana, Anthony Buttigieg, Christine Zammit, Sefora Cassar, Clint Borg Ferriggi, Charlon Vella, Glenn Steer, Anthony Grech, Ryan Borg, Jonathan Pellicano, Leanne Mifsud, Paul Pellicano, Simon Borg, Mario Pisani, Mario Atanasio, Frans Vella, Clint Carbonaro, Ray Cachia, Norbert Ellul, James Marmara, Alexei Bugeja, Dennis Borg, Robert Cauchi Charlot Spiteri, Michael Poulton, Anthony Azzopardi, Stephen Micallef, Ivan D'Amato, Joahann Ferriggi, Alex Casha, Glen Ghigo, Simon Vassallo, Irene Micallef, Mark Grech, Ludvic Griscti, Alessio Muscat, Donald Grech, Sandra Pulis, Clayton Cachia, Joseph Ellul, Michael Faenza, Joseph Baldacchino, Clint Micallef, Henry Zahra, Dean Ciantar, Peter Paul Caruana, Caroline Zammit, Marthese Zahra, Owen Dimech, Anthony Sant, Alexander Borg, Sean Huber, Omar Livori, Emmanuel Fenech, Anthony Sant, Zvetlana Vella, Jonathan Pellicano, Carmel Aquilina, Carmen Sammut u Ives Sciberras, U b'digriet tas-17 ta' Gunju 2014 tnehhew l-ismijiet repetuti ta' Anthony Sant u Jonathan Pellicano u dahal minflok Christian Cauchi**

**vs**

**Playmobil Malta Ltd**

<u>Illum 23 ta' Gunju 2017</u>

It-Tribunal,

Ra l-verbal tat-13 ta' Gunju 2017 fejn ir-rikorrenti talbu l-isfilz tal-affidavit ta' Michael Cutugno (dokument MC1) stante li l-provi fuq il-mertu tal-kaz gie

deciz u allura s-socjeta' intimata qieghda suppost fi stadju li tressaq provi biss fuq il-kwantum, u fit-tieni lok l-istess affidavit jidhol fil-kwistjonijiet tad-diskussjonijiet li saru minghajr pregudizzju, u li fuq kollox it-Tribunal gja ordna li m'ghandhomx jitressqu provi fuq dak li seta' sehh jew gie diskuss minghajr pregudizzju. Intalab ukoll li ghall-istess ragunijiet jigu sfilzati d-dokumenti annessi mal-istess affidavit ta' Michael Cutugno immarkati dokumenti MC2 sa MC8.

Ra n-nota tas-socjeta' intimata tad-19 ta' Gunju 2017 li biha s-socjeta' intimata oggezzjonat ghal din it-talba stante li irrispettivament minn jekk id-diskussjonijiet imsemmija kienux bla pregudizzju, intlahaq ftehim bonarju li huwa relevanti ghal dak li fadallu jiddeciedi t-Tribunal f'dan il-kaz. Gie michud li dan it-Tribunal ordna li ma jitressqux provi fuq ir-rizultat ta' dawk in-negozjati imma ordna li l-ewwel jigi deciz kienx hemm diskriminazzjoni qabel ma nfetah dan il-kaz, u rrizerva li jipporvdi dwar l-ammissibilita' tal-provi relatati mal-allegat ftehim bonarju fi stadju unlterjuri. Gie sottomess ukoll li d-diskuzzjonijiet u korrispondenzi ma jistghux jitqiesu bhala 'bla pregudizzju' ghaliex id-diskussjonijiet kienu ufficjali u dokumenti MC2, MC3, MC6, MC7 u MC8 huma kopji tal-minuti mehuda waqt tali diskussjonijiet, u imkien ma ntqal li dawn kienu bla pregudizzju. In oltre jinghad li t-Tribunal jehtieg ikun jaf li pendenti l-kaz is-socjeta' intimata harget sejha ghal Playmobile Technicians ghall-machine setters kollha, inkluzi r-rikorrenti, u ghalhekk tat ir-rimedju li kienu qed jitolbu r-rikorrenti. Dokument MC5 huwa proprju kopja tas-sejha li saret lill-machine setters. Ghar-rigward tal-affidavit, fl-ewwel parti tieghu jispjega n-negozjati, mentri t-tieni parti jispjega s-sitwazzjoni ta' kull rikorrent f'dan il-kaz;

Ra x-xhieda ta' Matthias Fauser tas-26 ta' Mejju 2015 fejn qabel ma twaqqaf jixhed qal li huwa xtaq jirrizolvi l-kwistjonijiet kollha fil-qorti bi ftehim bonarju, anke mar-rikorrenti f'dan il-kaz;

Ra l-verbal tas-26 ta' Mejju 2015 fejn l-avukat tar-rikorrenti appuntu oggezzjonat li s-socjeta' intimata ggib provi dwar korrispondenzi u proposti "without prejudice" li saru biex jintlahaq ftehim bonarju; mentri l-avukat tal-intimata accetta li d-diskuzzjonijet bdew bla pregudizzju, imma la darba intlahaq ftehim u beda jigi attwat dan ma kienx aktar bla pregudizzju. L-avukat tar-rikorrenti rrispondiet li ma kienx minnu li intlahaq ftehim bonarju. It-Tribunal irrizerva li jipprovdi dwar l-ammissibilita' tal-provi dwar l-allegat ftehim bonarju fi stadju ulterjuri.

Ikkonsidra li b'decizjoni parzjali tal-11 ta' April 2017 il-mertu diga' gie deciz fejn instab li saret diskriminazzjoni ma' numru ta' machine setters, u l-kaz ried ikompli jinstema' sabiex ikun jista' jigi determinat ir-rimedju.

Ikkonsidra li l-oggezzjoni ghall-affidavit ta' Michael Cutugno (dokument MC1) hija ghall-fatt li dan l-affidavit jitkellem dwar x'gie negozjat fil-pendenza ta' dan il-kaz bla pregudizzju, u anke dokumenti MC2 sa MC8 jirreferu ghan-negozjati bla pregudizzju.

Ikkonsidra li minuti ta' laqghat ghal ftehim bonarju u korrispondenzi simili pendenti kawza ghandhom jitqiesu li jkunu bla pregudizzju, u ghalhekk dokumenti hekk m'ghandhom jiffurmaw parti minn dan il-process.

Ikkunsidra li l-affidavit ta' Michael Cutugno, ghalkemm jaghmel referenzi ghal negozjati, dawn ir-referenzi jistghu jigu injorati u l-affidavit tieghu jithalla, bid-dritt favur il-kontroparti ta' kontroezami, u jekk ikun hemm htiega anke bid-dritt ta' konfront ma' xi xhud iehor li diga' xhed.

Ikkunsidra li dokument MC4 jikkontjeni ftehim mhux iffirmat, liema ftehim ikun ammissibbli kemm-il darba gie konkjuz u iffirmat, imma mhux ammissibbli jekk kien biss propost.

Ikkunsidra li dokument MC5 jikkonsisti f'sejha ghal mili ta' vakanzi abbinati ma' kors ta' Playmobil Technicians li setghu japplikaw ghaliha r-rikorrenti, haga li ghandha tinghata konsiderazzjoni minn dan it-Tribunal meta jigi biex jiddeciedi fuq ir-rimedju finali.

Ikkunsidra li ma kienx hemm talba biex dokumenti MC9 u MC10 jigu sfilzati, u ghalhekk dawn ukoll ghandhom jibqghu.

Ghaldaqstant jordna u jiddeciedi li l-Affidavit dokument MC1 huwa ammissibbli, b'rizerva favur il-kontroparti tal-kontroezami; dokumenti MC2, MC3, MC6, MC7 u MC8 ghandhom jigu sfilzati; dokument MC4 ghandu jigi sfilzat b'rizerva favur is-socjeta' intimata li tipprezenta l-verzjoni iffirmata ta' dak il-ftehim, jekk ikun il-kaz; dokumenti MC5, MC9 u MC10 huma ammissibbli u ghandhom jibqghu mal-affidavit.

Dr Leslie Cuschieri
Chairman